**20 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Emmanuele Ellul

**Truffa - *Mise en scene* - *Cheque "referred to drawer"***

*Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, ċjoe` dawk l-"artifizi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu, u li effettivament ikunu induċew, lill-vittma fi żball - l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-agent.*

*Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, ċjoe` li dawn l-aritfizji jew raġġiri, ikunu xi ħaġa kkumplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-aritfizji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fost*

*dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, inganna jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog ċekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.*

*Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Emmanuele Ellul talli f'dawn il-Gżejjer fix-xhur qabel id-29 ta' Frar, 1996: (1) b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' aktar minn tmint elef lira (Lm8,000.00) a dannu tal-Gvern ta' Malta u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-artikolu 308 tal-Kap. 9 u (2) approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u ċjoe' flus miġbura bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud li jammontaw għal aktar minn tmint elef lira (Lm8,000.00) liema flus kienu fdati jew ikkonsenjati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat u dana r-reat sar meta l-istess flus ġew miġbura minnu bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew

servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju u li kellhom jgħaddu lill-Gvern ta' Malta, u dana bi ksur ta' l-*artikoli* 293 u 294 tal-Kap. 9;

Rat in-*nota* ta' *rinviju* għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tat-8 ta' April, 1996 kif ukoll il-kunsens ta' l-istess Emmanuele Ellul irreġistrat fl-udjenza tat-3 ta' Mejju, 1996 *li l-każ tiegħu* jiġi ttrattat u deċiż mill-Qorti Inferjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Lulju, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-istess Emmanuele Ellul ħati skond l-imputazzjonijiet *dedotti kontra tiegħu u wara li* qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-fatt li huwa kien ħallas l-ammont kollu dovut lid-Dipartiment tal-VAT kif ukoll taxxa addizzjonali kif ikkontemplata fil-liġi, kif ukoll ħadet in konsiderazzjoni l-eta' tiegħu, ikkundannatu għall-piena ta' erbatax-il xahar (14) priġunerija *sospiżi* għal *tliet* (3) *snin skond* id-disposizzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Emmanuele Ellul minnu ppreżentat fil-5 ta' Awissu, 1996, li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li l-fatti u l-provi kif irriżultaw quddiem il-Qorti Inferjuri ma kinux jammontaw la għar-reat ta' truffa ikkontemplat fl-artikolu 308 u lanqas għal dak ta' approprjazzjoni *indebita* skond l-*artikolu* 293;

Minn eżami akkurat tal-provi jirriżulta li l-appellant, li kien direttur ta' kumpannija u kien debitament irreġistrat mad-

Dipartiment tal-VAT għall-finijiet ta' dik it-taxxa, kellu jagħti lill-imsemmi Dipartiment bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud miġbura mill-kumpannija, *is-somma ta' tmint elef disa' mija u* seba' u sebgħin lira u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm8977.32,0). *Fl-14 ta' Novembru, 1995 huwa* ħareġ ċekk, fuq kont kurrenti li l-kumpannija kellha ma' bank lokali, għall-imsemmija somma u bagħat dan iċ-ċekk flimkien mal-VAT *return*. Irriżulta bħala fatt li f'dik il-ġurnata (ċjoe' fl-14 ta' Novembru, 1995) mhux biss ma kienx hemm f'dak il-kont flus biżżejjed biex ikopri l-ammont taċ-ċekk, iżda li addirittura dak il-kont kellu *debit* ossia kien *overdrawn* bi tliet mija u ħamsa u disgħin lira u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm395.58,0). Il-bank in kwistjoni *irrifjuta* li jonora ċ-ċekk u dan ġie *referred to drawer*. Kien biss fil-11 ta' Marzu, 1996 (ċjoe' wara li tressaq il-Qorti fid-29 ta' Frar, 1996) li huwa ħallas dak kollu li kien dovut bħala VAT kif ukoll taxxa addizzjonali skond il-liġi;

Din il-Qorti hi sodisfatta bħalma ċertament kienet, kif jirriżulta mis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti, li meta l-appellant ħareġ iċ-ċekk fl-14 ta' Novembru, 1995 hu kien jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li fil-kont kurrenti in kwistjoni ma kienx hemm flus biex ikopru dak iċ-ċekk. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, *għalkemm l-*appellant, meta ġie interrogat mill-pulizija, afferma b'mod kategoriku *li meta* ħareġ iċ-ċekk kien hemm fondi fil-kont u li ċ-ċekk ma ssarrafx għax id-Dipartiment tal-VAT dam biex jippresentah lill-bank (b'mod għalhekk li *nel frattemp* dawk il-flus intużaw għal affarijiet oħra), meta sussegwentement xehed quddiem il-Qorti Inferjuri hu pprova jitfa' r-responsabbilita' ta' dak li ġara fuq l-impjegati tal-kumpannija inkarigati mill-*accounts* billi jgħid li hu ma kienx jaf kemm kien hemm flus f'dak il-kont u li hu prattikament kien jiffirma ċekkijiet skond kif jgħidulu dawn l-impjegati;

Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-

reat ta' truffa hija l-*mise en scene*, ċjoe' dawk l-"artifizi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball - l-ingann - u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ ghall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'*artifizio* wieħed ghandu jifhem:

"... *ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta' effettuato sia simulando cioe' che non esiste (per es., ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc.) sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cio' che esiste (per es., il-proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l-'uso di una determinata cosa, ecc.)*" (*Manueale di Diritto Penale - Parte Speciale I.* Griuffre' (Milano), 1986, p. 295);

L-istess awtur jiddefinixxi ir-raġġir bil-mod segwenti:

"*Il raggiro ... e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'* " (ibid.);

Il-liġi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, ċjoe' li dawn l-aritfizji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkumplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raġġiri jistghu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjoni ta' meta persuna bi kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu raġonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi

taghna;

Pero', kif inghad, element essenzjali iehor tar-reat in diżamina *huwa t-telf patrimonjali li ġġarrab il-vittma* bil-konsegwenti qligh ghall-aġent, liema telf u qligh ikunu r-riżultat ta' xi haġa li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma ghax tkun ġiet ingannata. In fatti t-truffa komunement tiġi mqabbla mas-serq u ma' l-approprjazzjoni indebita, bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qligh. Fi kliem l-awtur appena ċitat:

*"Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato (di truffa) e lo distingue sia dal furto che dall'appropriazione indebita. Ambedue questi reati, infatti, presuppongono il dissenso della vittima perche' il primo esige l'impossessamento della cosa in contrasto col volere di colui che la detiene, mentre il secondo postula da parte del possessore un arbitraria e percio' non consentita, assunzione di poteri che sono riservati al proprietario. Nella truffa, invece, l'agente, mediante aritfizi o raggiri riesce ad ottenere che la vittima si danneggi da se': consegni una cosa assuma un'obbligazione, rinunzi ad un diritto, ecc.: compia insomma un atto di disposizione pregiudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri"* (*op. cit.*, p. 293);

Issa, b'dak li ghamel l-appellant, ċjoe' li hareġ ċekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm ċertament kien hemm element ta' qerq, ma jistax jinghad li f'dan il-każ, induċa lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haġa bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qligh ghalih ċjoe' ghall-appellant, is-somma ta' Lm8,977.32 kienet tirrappreżenta taxxa miġbura mill-kumpannija ta' l-appellant skond il-liġi u li l-appellant kellu jghaddi lid-Dipartiment tal-VAT, l-appellant sempliċement naqas milli jghaddi l-flus billi żammhom ghalih

(jew aħjar għall-kumpannija bħala parti mill-assi tagħha) u b'ebda mod ma jista' jingħad li l-qerq tiegħu - il-ħruġ ta' ċekk fuq kont vojt - inċida (jew seta' jinċidi) fuq id-Dipartiment b'mod li dak id-Dipartiment jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa li ġġib it-telf u l-qligħ imsemmi. Fi kliem ieħor, ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness meħtieġ bejn il-qerq adoperat mill-appellant u xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni da parti tad-Dipartiment. U peress li dan in-ness hu meħtieġ ukoll għall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309, anqas ma jissussisti f'dan il-każ ir-reat ikkontemplat fl-imsemmi artikolu 309;

Il-posizzjoni għal dak li jirrigwarda l-approprjazzjoni indebita hi differenti. B'għemilu l-appellant, flok ma għadda l-flus li huwa kien ġabar bħala VAT lid-Dipartiment ikkonċernat, ġie li żammhom u tefagħhom ma' l-assi tal-kumpannija b'mod li sad-data meta effettivament sar il-pagament ta' dik it-taxxa li kien ġabar (piu' taxxa addizzjonali skond il-liġi kif ingħad), ċjoe' sal-11 ta' Marzu, 1996, il-kumpannija kienet qed tibbenifika minn dawk il-flus. Għalhekk ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali, bl-aggravanti skond l-artikolu 294, jirriżulta ppruvat u l-appell f'dan ir-rigward qed jiġi miċħud;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentena appellata billi tħassarha u tirevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu għall-piena ta' erbatax-il xahar priġunerija sospiża għall-tliet snin, tikkonfermaha fil-bqija (ċjoe' f'dik il-parti fejn sabitu ħati skond it-tieni imputazzjoni) u tilliberah skond id-disposizzjoni ta' l-artikolu 9 (1) tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul il-perijodu ta' sena u sitt xhur mil-lum;

*Għal kull buon fini l-Qorti tiddikjara li qabel ma għamlet* dan l-ordni ta' liberazzjoni taħt kundizzjoni hija fissret lill-ħati bi kliem ċar illi jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perijodu tal-liberazzjoni taħt kundizzjoni jkun jista' jiġi kkundannat għar-reat oriġinali;

Il-Qorti fl-aħħarnett tordna lill-Assistent Reġistratur Prinċipali sabiex jagħmel it-tibdil neċessarju fir-reġistru miżmum skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali in vista tat-tibdil fis-sentenza appellata li qed isir permezz ta' din is-sentenza.

---